**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar** se taħbat nhar l-4 ta' Settembru. Wara l-Quddiesa tal-5.00pm nistednukom tingħaqdu magħna għas-Siegħa tal-Ħniena Divina.

**FLOW#12 (water games)** għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet organizzat miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ nhar l-Erbgħa 2 ta' Settembru. L-attività tibda fis-6.00pm u tispiċċa għat-8.30pm. Ser ikun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.



**Jibdew is-Sibtijiet tal-Kunċizzjoni.** Se tiġi organizzata minibus minn nhar is-Sibt 5 ta' Settembru li titlaq minn ħdejn iċ-Ċentru fil-5.30am u twassalna fis-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala għall-Quddiesa tas-6.00am. Min jixtieq jingħaqad magħna jċempel l-Uffiċċju Parrokkjali.

**L-Għaqda Dun Franġisk Grima** nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru se torganizza ħarġa għall-għum fir-Ramla (minflok BBQ). Wara nieklu flimkien hemmhekk stess. Nitilqu minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am. Biex tibbukkjaw ċemplu fuq 21552326 / 99228906.

**Talba tar-Rużarju fid-dar ta' Frenċ tal-Għarb** nhar il-festa ta' Marija Bambina, fit-8 ta' Settembru. Tluq minn quddiem iċ-Ċentru fl-4.15pm. Min jixtieq jiġi għandu jirriserva post fil-minibus billi jċempel l-Uffiċċju Parrokkjali.

**Sejħa għall-għarajjes** li jixtiequ jintrabtu bis-Sagrament taż-Żwieġ, li għandhom jaħsbu biex jibdew il-mixja tal-laqgħat ta' tħejjija minn tal-inqas sentejn qabel il-ġurnata tat-tieġ tagħhom. L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn din il-ġimgħa stess mill-Uffiċċju Parrokkjali. Il-laqgħat jibdew is-Sibt 26 ta' Settembru fis-7.45pm, dritt wara l-Quddiesa tas-7.00pm.

**Is-Soċjetà Filarmonika Mnarja** qed tagħmel sejħa għal dawk li jixtiequ jkunu membri fil-Kumitat Eżekuttiv. Dawk interessati għandhom ikellmu lill-President jew xi ħadd mill-Kumitat sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2026. Il-Kumitat il-ġdid ser jinħatar permezz ta' votazzjoni waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja li ser issir fis-Sede tal-Banda Mnarja.

**Il-Ġabra speċjali għall-Bażilika** li qed issir f'dan l-aħħar weekend tax-xahar ta' Awwissu ser tmur biex issostni t-tkomplija tar-restawr li qed isir fuq il-pasta tas-saqaf tal-kappellun tas-Sagrament. Nirringrazzjawkom minn qabel tal-għajnuna kbira tagħkom, li mingħajrha ma jkunx possibbli nwettqu dawn il-proġetti kollha.

Il-**Little Sisters of the Poor** jirringrazzjawna tal-ġabra sabiħa ta' €2,593.54 li saret mill-parroċċa tagħna fil-weekend ta' Santa Marija, b'risq l-attività karittattiva tagħhom mal-anzjani fil-Ħamrun. Huma bagħtu l-apprezzament tagħhom u sellew għalikom u għas-saċerdoti tagħna filwaqt li wegħduna t-talb tagħhom.

## IL-ĦIN TAL-QUDDIES

BAŻILIKA. **Fost il-ġimgħa**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.
**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Fost il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż).
KNISJA QALB TA' ĠESÙ. **Fost il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.00am.
KAPPELLA S. TEREŻA TA' KALKUTTA (TA' KENUNA). **Ħdud:** 7.30am.